# IL-PREŻENTAZZJONI TAL-GEORGE CROSS

## WAQT ĊERIMONJA FIX-XATT TAL-ISLA 70 SENA ILU

**Snin ta' gwerra**

Minħabba fil-pożizzjoni ġeografika tagħha fiċ-ċentru tal-Mediterran, preċiżament bejn l-Ewropa u l-Afrika, matul it-Tieni Gwerra Dinjija, Malta tat sehem sħiħ favur l-alleati. Filwaqt li fl-ewwel fażi tal-gwerra, Malta kienet fuq id-difiża, bil-mod il-mod, aktar tard saret stazzjon importanti ta' offensiva kontra l-għadu permezz tal-forzi tal-ajru.

Bosta huma dawk fost l-anzjani tagħna li għandhom ċar fil-memorja t-tbatija u l-għaks, it-terrur u t-tiġrif li esperjenzaw u li raw b'għajnejhom tul dawk is-snin kiefra tal-gwerra. Imma dan kollu ma kienx għal xejn! Is-sehem valoruż li l-Gżira ta' Malta tat għar-rebħa tal-alleati ġie magħruf minn kulħadd, iżda rikonoxxut l-aktar mill-Ingilterra. Għaldaqstant, l-għoti tal-George Cross lin-Nazzjon Malti għandu tifsira speċjali u unika. Fil-fatt, kienet l-unika darba fejn dan l-unur u din id-dekorazzjoni ngħatat mhux lil xi individwu parikulari, imma lil Nazzjon kollu kemm hu – in-Nazzjon Malti.

**15 ta' April 1942**

Preċiżament waqt li Malta kienet għaddejja mill-mumenti l-aktar diffiċli, il-Gvernatur ta' Malta Sir William Dobbie (1940-1942), nhar il-15 ta' April 1942, irċieva telegramm mingħand ir-Re Ġorġ VI fejn stqarrlu li biex jagħti ġieħ lil dan il-poplu qalbieni *"jien nagħti l-George Cross lill-Gżira Fortizza ta' Malta bħala xhieda ta' eroiżmu u ħrara li jibqgħu jissemmew fl-istorja"*. L-għoti tal-George Cross, li kien twaqqaf mir-Re Ġorġ VI innifsu fil-bidu tal-gwerra, huwa l-għola unur li r-Re seta' jagħti lil Malta bħala dikjarazzjoni għall-kuraġġ li wriet matul il-gwerra.

Iċ-ċerimonja uffiċċjali tal-preżentazzjoni ta' din id-dekorazzjoni lill-poplu Malti saret il-Ħadd,


BUCKINGHAM PALACE

The Governor
Malta.

To honour her brave people I award the George Cross to the Island Fortress of Malta to bear witness to a heroism and devotion that will long be famous in history.

George R.I.

April 15th 1942.

*It-telegramm tar-Re Ġorġ VI lill-Gvernatur ta' Malta.*

13 ta' Settembru 1942, f'Misraħ il-Palazz fid-9.15 a.m.. Dakinhar, il-Maltin bi ħġarhom daħlu l-Belt – Belt miksija bil-'feriti' kkawżati mill-bombi tal-għadu – biex jassistu għal dik iċ-ċerimonja. Għal din l-okkażjoni, u fuq stedina mill-Gvernatur, tliet Kanonċi mill-Kapitlu marru jirrappreżentaw lill-Kapitlu Senglean. Il-Gvernatur Lord Gort (1942-1944), wara li għamel diskors fejn fisser l-għoti ta' dak il-ġieħ, ippreżenta l-George Cross lill-Prim Imħallef Sir George Borg, li rċevih f'isem il-poplu Malti. Dak il-ħin indaqq l-Innu Malti mill-banda tal-King's Own Malta Regiment. Sir George Borg, min-naħa tiegħu, wieġeb b'diskors qasir għall-indirizz tal-Gvernatur. Iċ-ċerimonja għalqet bid-daqq tal-*God Save The King* u l-George Cross baqa' espost għall-pubbliku sa filgħaxija

**18 ta' Ottubru 1942**

Wara dik iċ-ċerimonja impressjonanti u mimlija solennità, issa kien imiss li l-George Cross jiġi meħud fl-ibliet u fl-irħula ta' Malta u



*Ċerimonja tal-għoti tal-George Cross li saret fit-13 ta' Settembru 1942 f'Misraħ il-Palazz, il-Belt Valletta. Il-Gvernatur Ġenerali Lord Gort jippreżenta l-midalja tal-George Cross lill-Prim Imħallef Sir George Borg.*

Għawdex biex il-poplu kollu jkun jista' jarah. Nhar il-Ħadd, 20 ta' Settembru, il-George Cross ittieħed Għawdex fejn ġie espost għall-pubbliku Għawdxi f'misraħ it-Tokk. Wara, ibda mit-Tlieta, 22 ta' Settembru f'Ħad-Dingli, din id-dekorazzjoni bdiet il-mawra tagħha madwar Malta. Għan-nies li jgħixu fit-tlitt Ibliet tal-Kottonera, fi Pjazza Santa Margerita, f'Bormla, saret ċerimonja nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Settembru fejn il-George Cross ġie espost bejn il-5.00 p.m. u s-7.00 p.m.. Imma għalkemm in-nies tal-Kottonera kellhom riżervata għalihom l-lejla tal-25 ta' Settembru, għan-nies tal-Isla kien hemm merfugħa l-għodwa tal-Ħadd, 18 ta' Ottubru 1942.

F'dak il-jum, bejn l-10.00 a.m. u nofsinhar, fix-Xatt tal-Isla, saret ċerimonja tal-preżentazzjoni tal-George Cross xejn inqas imponenti minn dik li kienet saret fil-Belt ftit iżjed minn xahar qabel. In-nies inġabru sa minn kmieni biex jassistu għal dan l-avveniment mhux tas-soltu.

**Diskors tal-Arċipriet Brincat**

Il-Kanonku Arċipriet Emanuel Brincat, l-Arċipriet li ssogra ħajtu kuljum meta wera ruħu determinat li jibqa' fl-Isla waqt l-eħrex bumbardamenti tal-gwerra, f'mument ta' dik iċ-ċerimonja, indirizza lill-mistednin distinti u lill-pubbliku li kien preżenti għall-okkażjoni b'dawn il-kelmiet:

*Għeżież Parruċċani,*

*Dalgħodu intom inġbartu hawn biex tieħdu sehem fiċ-ċerimonja tal-preżentazzjoni tal-Geroge Cross li ġie mogħti lil Malta. Intom tafu fiċ-ċert x'inhu l-George Cross. Huwa dekorazzjoni, li tfisser ornament, imma mhux wieħed fieragħ u mogħti bla ħsieb; hija oġġett ta' żîna mqiegħed fuq xi ħadd li jixraqlu bħala għelm ta' stima kbira u marka ta' distinzjoni mill-għola Awtorità. Fil-każ tagħna, dik il-marka ta' distinzjoni ġiet mogħtija lill-poplu kollhu ta' din il-gżira-fortizza. Allura jekk din id-dekorazzjoni tixhed għall-kuraġġ u għar-reżistenza u għaċ-ċaħda tagħna nfusna fis-sagrifiċċju tagħna, hija fl-istess waqt, l-isbaħ ċertifikat mogħti lilna mill-Maestà tiegħu r-Re biex juri l-approvazzjoni għall-imġieba tagħna waqt dan iż-żmien ta' gwerra u r-rieda tajba tiegħu. Imma dak li hu l-aktar għażiż għalina f'din id-dekorazzjoni huwa l-isem proprju tagħha, li huwa l-isem tar-Re tagħna nnifsu.*



*Il-Kan. Arċipriet Dun Manwel Brincat jakkumpanja lir-Re Ġorġ VI waqt iż-żjara tiegħu fl-Isla nhar l-20 ta' Ġunju 1943.*



*Fi Triq il-Vitorja fl-Isla iġġarraf bosta bini b'ħidma tal-għadu.*

*U issa, jien nistaqsi għaliex iċ-ċerimonja tal-preżentazzjoni tal-George Cross fl-Isla, f'dan il-jum speċjali, meta diġa' saret ċerimonja simili għall-Kottonera kollha? Inwieġeb għal dik il-mistoqsija; għaliex għalkemm Malta rreżistiet u batiet u l-Kottonera kollha kienet minn ta' quddiem f'din ir-reżistenza u tbatija, l-Isla sofriet l-aktar daqqiet feroċi. Id-djar tagħna huma mfarrka, it-toroq tagħna imblukkati, il-familji tagħna mxerrda mal-gżira kollha, il-Knisja Santwarju tagħna, ġawhra prezzjuża, tant għażiża mhux biss għall-poplu Senglean imma għall-Maltin b'mod ġenerali, imġarrfa. Iva, il-Knisja Bażilika tagħna hija munzell ta' rovina, il-Belt tagħna sfat għat-tieni darba, u b'ħidma tal-għadu, mifruda mill-kumplament tal-gżira ... Nistgħu nsofru iżjed? Jew, xi stajna sofrejna iżjed? ... Aħna kellna nġarrbu kull tip ta' għaks u biża', kellna ninfirdu minn sħabna u qrabatna ... Niftakar il-jum iebes meta beda l-ġlied mal-Italja ... Xahrejn biss wara l-pussess tiegħi ... Kważi f'waqt wieħed wara l-ewwel attakki, il-parruċċani tiegħi kienu mxerrda, ġrew lejn postijiet fejn setgħu jiġu milqugħa – din il-parroċċa tbattlet u l-popolazzjoni, minn disa' jew għaxart elef niżel għal ftit mijiet. Niftakar sew il-biża' ta' dawk il-jiem, meta kulħadd kien qed jistenna l-mewt ġejja, bla ħadd ma jaf sewwa x'kienet tfisser il-gwerra.*

*Id-dmir u l-ħidma tal-Arċipriet kienu, allura, mhux biss li jagħti għajnuna spiritwali lil kulħadd, imma wkoll li joffri għajnuna finanzjarja lil dawk fil-bżonn.*

*Niftakar l-Isla mimlija mill-ġdid bin-nies miġbudin lura bl-idea li jsibu hawn kenn fil-blat u sigurtà ... u mbagħad ... battala mill-ġdid, wara s-16 ta' Jannar 1941. Dak kien tabilħaqq il-jum li fih l-għadu ġie bil-qawwa kollha tiegħu u b'mibgħeda, biex jattakkana. L-attakk mill-ajru mill-aktar feroċi, u l-ewwel wieħed mill-Ġermaniżi, kien immirat lejn l-Isla. Parti kbira mill-Isla sfat meqruda, parti mis-Santwarju ġiet imxejjna u kellna, f'dak il-jum, l-ewwel numru ta' vittmi, wieħed u għoxrin b'kollox,*



*Kan. Profs. Dun Ġwann Theuma*
*li miet fis-16 ta' Jannar 1941 fid-dar 179, Triq il-Vitorja.*

*fosthom il-maħbub u qatt minsi, Kanonku Ġwann Theuma, ħaġra prezzjuża tas-Saċerdozju u fjur ħlejju tal-intellett Malti. Dik ix-xitwa kompliet tkun bla ħniena u terribbli mhux tant kawża ta' temp ħażin, imma minħabba attakki mill-aktar ħorox lejl u nhar. Fit-19 ta' April (1941) konna nieqsa mis-saħħa u eżawriti wara bumbardament tul il-lejl kollu. Minkejja dan, fis-7.00 a.m. bdejt il-quddiesa meta ħin bla waqt waqgħu l-bombi mingħajr ma ngħata l-ebda avviż u kellna nfittxu kenn fil-qalba tal-art, taħt xelters imħaffra fil-blat. Tletin minuta wara, Dr. Jaccarini daħal jiġri u qalli:*

*"Ħaffef, ejja niġru lejn il-knisja ta' San Filippu, fejn hemm, in-nies jinsabu taħt it-tifrik jew midruba." – u taħt xita ta' bombi ġrejna 'l hemm, fejn l-għajnuna tagħna kienet meħtieġa u bqajna hemm sas-1.00 p.m. naqdu bil-ħila rispettiva tagħna lill-fqajra midruba.*

*Niftakar it-28 ta' April 1942, meta nies ġew midfuna f'xelter fejn huma sabu kenn ... X'preżenza ta' dieqa li żomm fil-memorja ... nies maqtula u midruba, in-nies tagħna mtertqa jew imdehxa f'xelter fejn irrenjaw l-aktar il-paniku u d-dlam. Kienet verament dehra tixbah lill-infern b'nies jibku u jweżqu f'post bla dawl; l-istallazzjoni elettrika bil-ħsara u ma tistax tiġi msewwija u fejn wieħed kellu jipprovdi d-dawl permezz ta' torċa biex isib triqtu 'l gewwa u 'l barra.*

*Niftakar il-jum meta ġejna mifruda mill-kumplament tal-gżira għat-tieni darba. Tlitt ijiem bla ma nistgħu nġibu ħobż lejn l-Isla. Ġimagħtejn bla pitrolju biex ngħallu tazza tè, għall-ġranet sħaħ bla razzjon, għal xhur bla dawl, bla ilma u mġiela nagħmlu użu mill-bjar tal-lokal ... kollox niftakar u nħoss li qed ngħix mill-ġdid, għal waqt wieħed, dawk il-jiem agonizzanti u nħoss mill-ġdid l-ewwel il-biża' li ħassejt, u mbagħad d-deżolazzjoni li tiġi wara.*

*Imma, waqt li nerfa' għajnejja lejn il-George Cross, inħossni mfarraġ quddiem il-ħsieb li l-eroiżmu tagħna u s-sabar, immeritaw l-approvazzjoni u l-apprezzament tal-Maestà tiegħu r-Re u Imperatur u ġew murija lid-dinja.*

*Bl-imġieba tagħkom, bix-xogħol u s-sagrifiċċji tagħkom, biċ-ċaħda tagħkom infuskom u qawwa Nisranija, intom tajtu prova tagħkom infuskom li m'intom xejn inqas dennja minn missirijietkom tal-unur u tal-foħrija.*

*Jekk huma rreżistew lit-Torok u lill-kbir Napuljun, intom għamiltu daqshom, fiċ-ċirkustanzi tagħna tal-lum, bis-saħħa mogħtija bil-Fidi u l-Imħabba lejn Art Twelidna. It-triq ewlenija tal-Isla tfakkar ir-rebħa ta' missirijietna fuq it-Torok u l-Knisja Bażilika tagħna hija ddedikata lill-Sidtna tal-Vittorji, bit-titlu tat-Twelid tagħha. J'alla ma jdumx ma jisbaħ il-*




*Il-midalja tal-George Cross mogħtija lil Malta għall-qlubija li wriet fil-gwerra.*

*jum li fih, bi qlubna mfawwra bil-ferħ, ngħaddu minn Triq il-Vitorja, nidħlu fil-Knisja ta' Sidtna tal-Vittorji inkantaw l-innu ta' tifħir u ringrazzjament lil Alla tas-smewwiet għar-Rebħa fuq l-għedewwa tagħna tal-lum. Ammen.* (*ara* Brincat, E., *Senglea During the Second Great War*, pp. 73-75.)

**Tama u ferħ**

L-Arċipriet Brincat, permezz ta' diskors mimli emozzjoni, fakkar dak li għaddiet minnu l-Isla. Huwa wkoll wera t-tama li ż-żminijiet ma kellhomx idumu ma jinbidlu. Fil-fatt, hekk kien tassew! Tul dik is-sena 1942, il-pagna kienet diġa' bdiet tinqaleb u s-sitwazzjoni bdiet tinħass li ġejja għall-aħjar. Il-Konvoj ta' Santa Marija nhar l-14 u 15 ta' Awwissu, kien salva lil Malta mill-ġuħ fl-eqqel tal-gwerra. Lejn tmiem dik is-sena, Malta bdiet tieħu r-ruħ.

Imma fid-9 ta' Ġunju 1942, forsi fil-mument l-aktar kritiku għal Malta fit-Tieni Gwerra Dinjija, kienet waslet aħbar oħra, bxara li mliet bil-ferħ lill-poplu mnikket tal-Isla. Mons. Emmanuel Galea, li diġa' kien ħadem ħafna fl-Isla bħala qassis u Kanonku Teologu, ġie maħtur Isqof Titulari ta' Tralles, fl-Asja, u Isqof Awżiljarju tal-Arċisqof Caruana. Dan sthaqqlu jkun it-tielet wieħed minn ulied il-Belt Senglea li jiġi mgħolli għall-ġieħ tal-Episkopat.

*Fabian Mangion*

"Jien ma naħsibx li widnejn il-bniedem qatt intlaqtu minn mużika aktar ħelwa minn dik tad-daqq tal-qniepen tagħna, li lilna lkoll illum qegħdin ifarrġuna. Hu t-tmien jum ta' Settembru, iddedikat għat-twelid ta' Sidtna, il-Verġni Mbierka. Tul dawn l-aħħar tliet xhur, il-qniepen ma daqqewx ħlief biex jagħtuna sinjal tat-taqtigħat. Imma llum qed idoqqu mill-ġdid biex iħabbrulna li sebaħ jum ta' ferħ kbir."

*Francesco Balbi da Correggio*



L-Assedju l-Kbir
Paul Falzon